# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

21 ta' Diċembru 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Punt 2 tal-Artikolu 7 – Ġurisdizzjoni speċjali f'materji ta' delitt jew kważi delitt – Pubblikazzjoni fuq l-internet ta' dikjarazzjonijiet allegatament dispreġattivi fir-rigward ta' persuna – Post fejn seħħ id-dannu – Qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tagħhom kontenut imqiegħed online huwa jew kien aċċessibbli"

Fil-Kawża C-251/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Ġunju 2020, fil-proċedura

**Gtflix Tv**

vs

**DR,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, I. Jarukaitis u N. Jääskinen, Presidenti ta' Awla, T. von Danwitz, M. Safjan (Relatur), L. S. Rossi, A. Kumin u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Gtflix Tv, minn P. Spinosi, L. Chevallier u A. Michel, avocats,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier u A. Daniel, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn S. Chala, A. Dimitrakopoulou u K. Georgiadis, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Heller u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Gtflix Tv, kumpannija ta' divertiment għall-adulti stabbilita fir-Repubblika Ċeka, u DR, professjonist ieħor f'dan il-qasam, iddomiċiljat fl-Ungerija, dwar talba għar-rettifika u għat-tneħħija ta' dikjarazzjonijiet allegatament dispreġattivi fir-rigward ta' din il-kumpannija li dan tal-aħħar qiegħed online fuq diversi siti u forums tal-internet kif ukoll talba għal kumpens għad-dannu li rriżulta minn dan it-tqegħid online.

### Il-kuntest ġuridiku

3 Mill-premessa 4 tar-Regolament Nru 1215/2012 jirriżulta li dan huwa intiż, fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, li jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali kif ukoll sabiex jiżgura r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni malajr u sempliċi ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru.

4 Il-premessi 15 u 16 ta' dan ir-regolament jgħidu li:

"(15) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

(16) Barra d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita l-possibbiltà li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. Dan hu importanti b'mod partikolari fir-rigward ta' tilwim li jirriżulta minn obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama."

5 Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni jinsabu fil-Kapitolu II tal-imsemmi regolament. It-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu II, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", jinkludi l-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament Nru 1215/2012.

6 Skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament:

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru."

7 L-Artikolu 5(1) tal-imsemmi regolament jistabbilixxi li:

"Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla fit-Taqsimiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu."

8 Taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-istess regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni speċjali", il-punt 2 tal-Artikolu 7 tiegħu jipprevedi li:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:

[...]

(2) fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq".

9 Il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 huwa fformulat essenzjalment b'mod identiku għall-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) li tħassar mir-Regolament Nru 1215/2012.

10 It-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012, li hija intitolata "Ġurisdizzjoni dwar kuntratti tal-konsumatur", tinkludi l-Artikolu 17(1) li jistabbilixxi li:

"1. Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jitqies lil hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-punt 5 tal-Artikolu 7, jekk:

[...]

(c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, bi kwalunkwe mezzi, tidderieġi tali attivitajiet lejn dak l-Istat Membru jew lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u l-kuntratt jidħol fl-ambitu ta' attivitajiet bħal dawk."

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 Gtflix Tv, li hija stabbilita fir-Repubblika Ċeka u li għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha f'dan l-Istat Membru, tipproduċi u xxerred, b'mod partikolari permezz tas-sit internet tagħha, kontenut awdjoviżiv għall-adulti. DR, iddomiċiljat fl-Ungerija, huwa direttur, produttur u distributur ta' films tal-istess tip li huma kkummerċjalizzati fuq siti tal-internet hosted fl-Ungerija.

12 Gtflix Tv tilmenta li DR għamel dikjarazzjonijiet dispreġattivi fir-rigward tagħha, li dan tal-aħħar kien xerred fuq diversi siti u forums tal-internet.

13 Wara li għamlitlu talba formali sabiex jirtira dawn id-dikjarazzjonijiet, din il-kumpannija bdiet proċeduri għal miżuri provviżorji kontra DR quddiem il-President tat-tribunal de grande instance de Lyon (il-Qorti Reġjonali ta' Lyon, Franza) sabiex, qabelxejn, jiġi ordnat iwaqqaf kull att ta' disprezzament fir-rigward tagħha u fir-rigward ta' sit internet tal-istess kumpannija, u sabiex jippubblika stqarrija ġudizzjarja bil-Franċiż u bl-Ingliża fuq kull wieħed mill-forums tal-internet ikkonċernati, sussegwentement, sabiex hija stess tiġi awtorizzata tippubblika kumment fuq dawn il-forums u, fl-aħħar nett, sabiex tikseb il-ħlas, fuq bażi provviżorja, ta' EUR 1 simboliku bħala kumpens għad-dannu ekonomiku mġarrab minnha u somma tal-istess ammont bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab minnha.

14 Quddiem din il-qorti, DR qajjem eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti Franċiża, li ġiet milqugħa b'digriet tal-10 ta' April 2017.

15 Gtflix Tv appellat minn dak id-digriet quddiem il-cour d'appel de Lyon (il-Qorti tal-Appell ta' Lyon, Franza), filwaqt li żiedet għal EUR 10 000 is-somma provviżorja mitluba għad-dannu ekonomiku u morali mġarrab fi Franza. Permezz ta' sentenza konfermattiva tal-24 ta' Lulju 2018, din il-qorti laqgħet ukoll l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

16 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Gtflix Tv tilmenta li l-imsemmija sentenza ddikjarat li l-qorti Franċiża ma kellhiex ġurisdizzjoni favur il-qrati Ċeki, filwaqt li, fil-fehma tagħha, il-qrati ta' Stat Membru għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tad-dannu kkawżat fit-territorju ta' dan l-Istat Membru permezz ta' kontenut imqiegħed online fuq l-internet meta dan il-kontenut ikun aċċessibbli hemmhekk. Gtflix Tv issostni li l-cour d'appel de Lyon (il-Qorti tal-Appell ta' Lyon) kisret il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, meta ddeċidiet, sabiex tiġi eskluża l-ġurisdizzjoni tal-qrati Franċiżi, li ma huwiex biżżejjed li d-dikjarazzjonijiet meqjusa bħala disprezzattivi jkunu aċċessibbli fit-territorju tal-qorti adita, iżda huwa meħtieġ ukoll li dawn jistgħu jkunu ta' xi interess għall-utenti tal-internet li jirrisjedu f'dan it-territorju u jistgħu jikkawżaw dannu hemmhekk.

17 Fid-dawl tas-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan (C-194/16, EU:C:2017:766), il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li l-qrati Franċiżi ma kellhomx ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tat-talba intiża għat-tneħħija tad-dikjarazzjonijiet allegatament disprezzattivi u għar-rettifika tal-informazzjoni permezz tal-pubblikazzjoni ta' stqarrija, għar-raġuni b'mod partikolari li ċ-ċentru tal-interessi ta' Gtflix Tv kien stabbilit fir-Repubblika Ċeka u li DR huwa ddomiċiljat fl-Ungerija.

18 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk persuna li, billi tqis li jkun twettaq ksur tad-drittijiet tagħha permezz tat-tixrid ta' dikjarazzjonijiet disprezzattivi fuq l-internet, taġixxi fl-istess ħin għall-finijiet tar-rettifika tal-informazzjoni u tat-tneħħija tal-kontenut, kif ukoll għall-kumpens għad-danni morali u ekonomiċi li jirriżultaw minnu, tistax titlob, quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu dawn id-dikjarazzjonijiet tqiegħdu online jew kienu aċċessibbli, kumpens għad-dannu kkawżat fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, skont is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising *et* (C-509/09 u C-161/10, EU:C:2011:685, punti 51 u 52), jew jekk, skont is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan (C-194/16, EU:C:2017:766, punt 48), dik il-persuna għandhiex tressaq din it-talba għal kumpens quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tordna r-rettifika tal-informazzjoni u t-tneħħija tad-dikjarazzjonijiet disprezzattivi.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) [tal-punt 2 tal-Artikolu 7] tar-[Regolament Nru 1215/2012] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuna li, temmen li jkunu nkisrulha d-drittijiet tagħha permezz tat-tixrid tal-kummenti dispreġattivi fuq l-internet, tressaq azzjoni kemm għall-finijiet tar-rettifika tad-data iżda ukoll għat-tħassir tal-kontenut, kif ukoll għall-kumpens għad-dannu morali kif ukoll id-dannu materjali li jirriżultaw minnu, tista' titlob quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu kontenut li tqiegħed onlajn huwa jew kien aċċessibbli, kumpens għad-danni kkawżati fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, skont is-sentenza [tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising *et* (C-509/09 u C-161/10, EU:C:2011:685, punti 51 u 52)] jew inkella, skont is-sentenza [tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan (C-194/16, EU:C:2017:766, punt 48)], dik il-persuna għandha tressaq din it-talba għal kumpens quddiem il-qorti kompetenti biex tordna r-rettifika tad-data u t-tħassir tal-kummenti dispreġattivi?"

## Fuq id-domanda preliminari

20 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna li, billi tqis li jkun twettaq ksur tad-drittijiet tagħha permezz tat-tixrid ta' dikjarazzjonijiet dispreġattivi fil-konfront tagħha fuq l-internet, taġixxi fl-istess ħin għall-finijiet, minn naħa, tar-rettifika tal-informazzjoni u tat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online dwarha, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li rriżulta minn dan it-tqegħid online tista' titlob, quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu dawn id-dikjarazzjonijiet kienu aċċessibbli, il-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat lilha fl-Istat Membru tal-qorti adita, għalkemm dawn il-qrati ma jkollhomx il-ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tat-talba għal rettifika u għal tneħħija.

21 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 jipprevedi li, f'materji ta' delitt jew kważi delitt, persuna ddomiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' tiġi mħarrka, fi Stat Membru ieħor, quddiem il-qrati tal-post fejn il-fatt dannuż ikun seħħ jew jista' jseħħ.

22 Peress li din id-dispożizzjoni hija ekwivalenti għall-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dak li jikkonċernah tapplika wkoll fir-rigward tal-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 24 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

23 Hija ġurisprudenza stabbilita li r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji ta' delitt jew kważi delitt għandha tiġi interpretata b'mod awtonomu, billi jsir riferiment għas-sistema u għall-għanijiet tar-regolament li tagħmel parti minnu (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 25 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 Din ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali hija bbażata fuq l-eżistenza ta' konnessjoni partikolarment mill-qrib bejn il-kontestazzjoni u l-qrati tal-post fejn il-fatt dannuż ikun seħħ jew jista' jseħħ, li tiġġustifika l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni lil dawn tal-aħħar għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ta' organizzazzjoni xierqa tal-proċeduri (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 Kif jirriżulta mill-premessa 16 tar-Regolament Nru 1215/2012, ir-rekwiżit ta' tali rabta għandu jiggarantixxi ċ-ċertezza legali u jevita l-possibbiltà li l-konvenut jista' jitħarrek quddiem qorti ta' Stat Membru li huwa ma setax raġonevolment jipprevedi, fejn dan l-aspett huwa importanti, b'mod partikolari, fil-kawżi li jikkonċernaw obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur tal-privatezza u tad-drittijiet tal-personalità, b'mod partikolari l-malafama (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 28).

26 Issa, f'materji ta' delitt jew kważi delitt, il-qorti tal-post fejn seħħ jew jista' jseħħ il-fatt dannuż hija normalment fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' viċinanza tat-tilwima u ta' faċilità fl-amministrazzjoni tal-provi (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-espressjoni "post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq" tirreferi kemm għall-post tal-avveniment kawżali kif ukoll għal dak fejn seħħ id-dannu, peress li kull wieħed miż-żewġ postijiet jista', skont iċ-ċirkustanzi, jipprovdi indikazzjoni partikolarment utli għal dak li jirrigwarda l-prova u l-organizzazzjoni tal-proċess (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ma hemm l-ebda element fid-deċiżjoni tar-rinviju li jissuġġerixxi li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-possibbiltà li l-qrati Franċiżi jiġu aditi abbażi tal-post tal-avveniment kawżali. Min-naħa l-oħra, tqum il-kwistjoni dwar jekk dawn il-qrati għandhomx ġurisdizzjoni abbażi tal-post fejn seħħ id-dannu allegat. Barra minn hekk, kif osservat il-qorti tar-rinviju, Gtflix Tv ma talbitx li l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunu inaċċessibbli fit-territorju Franċiż.

29 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fir-rigward tal-azzjonijiet intiżi għal kumpens għal dannu mhux materjali allegatament ikkawżat minn artiklu diffamatorju ppubblikat fl-istampa, li l-vittma tista' tressaq kontra l-editur azzjoni għal kumpens quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru fejn il-pubblikazzjoni ġiet imxerrda u fejn il-vittma tallega li subiet dannu għar-reputazzjoni tagħha, li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar danni kkawżati fl-Istat Membru tal-qorti adita (sentenza tas-7 ta' Marzu 1995, Shevill *et*, C-68/93, EU:C:1995:61, punt 33).

30 Għal dak li jirrigwarda speċifikament l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-personalità permezz ta' kontenut imqiegħed online fuq sit internet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, il-persuna li tħossha leża għandha l-possibbiltà tressaq azzjoni għad-danni, bil-għan li jiġi kkumpensat id-dannu kollu kkawżat, quddiem il-qrati tal-post ta' stabbiliment tal-persuna li xerrdet dan il-kontenut skont il-post tal-avveniment kawżali, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tagħha skont fejn seħħ id-dannu. Din il-persuna tista' tressaq wkoll, minflok azzjoni għad-danni sabiex jiġi kkumpensat id-dannu kollu kkawżat, l-azzjoni tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu kontenut jitqiegħed jew tqiegħed online. Dawn għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni biss tad-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising *et*, C-509/09 u C-161/10, EU:C:2011:685, punt 52).

31 Tibbenefika wkoll minn dawn il-possibbiltajiet ta' tressiq ta' kawża persuna ġuridika li twettaq attività ekonomika u titlob il-kumpens għad-dannu li jirriżulta minn ħsara għar-reputazzjoni kummerċjali tagħha permezz tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ineżatta dwarha fuq l-internet u permezz tal-assenza ta' tneħħija ta' kummenti fil-konfront tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 44).

32 Fir-rigward tan-natura ubikwitarja tal-informazzjoni u tal-kontenut imqiegħed online fuq sit internet u tal-fatt li l-portata tat-tixrid tagħha hija, bħala prinċipju, universali, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ppreċiżat li talba intiża għar-rettifika tal-ewwel u għat-tneħħija tat-tieni hija waħda u indiviżibbli u, konsegwentement, tista' titressaq biss quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-integralità ta' talba għal kumpens għal dannu u mhux quddiem qorti li ma għandhiex tali ġurisdizzjoni (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 48).

33 Minn dan isegwi li, skont il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, persuna li tħossha leża mit-tqegħid online ta' informazzjoni fuq sit internet tista' tressaq kawża, għall-finijiet tar-rettifika ta' din l-informazzjoni u tat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online, quddiem il-qorti tal-post ta' stabbiliment tal-persuna li xerrdet dan il-kontenut, jew quddiem dik li fit-territorju tagħha jinsab iċ-ċentru tal-interessi ta' din il-persuna.

34 Skont il-qorti tar-rinviju, minħabba r-"rabta ta' dipendenza neċessarja" li teżisti bejn it-talba intiża għar-rettifika tal-informazzjoni u għat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online u dik, konġunta, intiża għall-kumpens sħiħ jew parzjali għad-dannu li jirriżulta minn dan it-tqegħid online, għandu jitqies li waħda mill-qrati msemmija fil-punt preċedenti għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tieħu konjizzjoni ta' dawn iż-żewġ talbiet. L-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jista' għalhekk jiġġustifika dan l-għoti ta' ġurisdizzjoni esklużiva.

35 Madankollu, tali għoti ta' ġurisdizzjoni ma jistax jirriżulta mill-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 kif interpretat fil-punt 32 ta' din is-sentenza, peress li, kuntrarjament għal talba għar-rettifika tal-informazzjoni u għat-tneħħija tal-kontenut li hija waħda u indiviżibbli, talba dwar il-kumpens għad-dannu jista' jkollha bħala għan kumpens sħiħ jew kumpens parzjali. Issa, għalkemm il-fatt li ma tistax titressaq talba għar-rettifika tal-informazzjoni u għat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online quddiem qorti differenti minn dik li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-totalità ta' talba għal kumpens għad-dannu huwa ġġustifikat fuq il-bażi li din hija waħda u indiviżibbli, ma huwiex iġġustifikat, min-naħa l-oħra, li tiġi eskluża, għal din l-istess raġuni, il-possibbiltà għar-rikorrent li jressaq it-talba tiegħu għal kumpens parzjali quddiem kull qorti oħra li fit-territorju tagħha huwa jqis li ġarrab dannu.

36 Barra minn hekk, il-bżonn ta' għoti ta' ġurisdizzjoni esklużiva lill-qorti tal-post ta' stabbiliment tal-persuna li xerrdet dan il-kontenut imqiegħed online jew quddiem dik li fit-territorju tagħha jinsab iċ-ċentru tal-interessi tar-rikorrent ma jirriżultax b'mod partikolari minn dak li l-qorti tar-rinviju tippreżenta bħala "rabta ta' dipendenza neċessarja" bejn, minn naħa, it-talba għar-rettifika tal-informazzjoni u għat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online u, min-naħa l-oħra, it-talba għal kumpens għad-dannu li rriżulta minn dan it-tqegħid online. Fil-fatt, sa fejn, indipendentement mill-identiċità tal-fatti li jikkostitwixxu l-bażi ta' dawn it-talbiet, is-suġġett tagħhom, il-kawżali tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jiġu diviżi huma differenti, ma hemmx neċessità legali li dawn jiġu eżaminati flimkien minn qorti waħda.

37 Tali għoti ta' ġurisdizzjoni lanqas ma hija meħtieġa fir-rigward tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

38 F'dan ir-rigward, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni biss sabiex tieħu konjizzjoni tad-dannu inkwistjoni fl-Istat Membru li fih hija tinsab tidher li tkun ukoll f'pożizzjoni li tevalwa, fil-kuntest ta' proċedura mibdija f'dan l-Istat Membru u fid-dawl tal-provi miġbura fih, is-seħħ u l-portata tad-dannu allegat.

39 Barra minn hekk, il-possibbiltà li għandu r-rikorrent li jressaq azzjoni għal kumpens quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tad-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru li fih huma jinsabu tikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja meta ċ-ċentru tal-interessi ta' dan r-rikorrent ma jkunx jista' jiġi identifikat. F'tali ipoteżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-persuna ma tistax tibbenefika mid-dritt li tressaq azzjoni ġudizzjarja, skont il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, kontra l-allegat awtur ta' ksur tad-drittijiet tal-personalità tagħha, abbażi tal-post fejn seħħ id-dannu, għall-finijiet ta' kumpens sħiħ tad-dannu mġarrab (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 43). Min-naħa l-oħra, l-imsemmija persuna tista', skont din il-possibbiltà u bl-istess mod, tibbenefika wkoll minn dan id-dritt għall-finijiet ta' kumpens parzjali li huwa limitat biss għad-dannu kkawżat fl-Istat Membru tal-qorti adita.

40 It-twettiq tal-għan li tiġi żgurata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja għalhekk ma jistax jitqiegħed f'dubju mill-possibbiltà li għandu r-rikorrent li jressaq kawża għad-danni quddiem il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tad-dannu kkawżat fl-Istat Membru li fih huma jinsabu.

41 Fl-aħħar nett, hemm lok li jitfakkar li l-għoti, lil dawn il-qrati tal-aħħar, tal-ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni biss tad-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru li fih huma jinsabu huwa suġġett biss għall-kundizzjoni li l-kontenut li jikkawża preġudizzju jkun jew kien aċċessibbli f'dan it-territorju. Fil-fatt, kuntrarjament għall-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament Nru 1215/2012, il-punt 2 tal-Artikolu 7 tiegħu ma jimponix kundizzjoni addizzjonali għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni, bħal dik li tgħid li l-attività ta' persuna għandha tkun "indirizzata lejn" l-Istat Membru tal-qorti adita (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Pinckney, C-170/12, EU:C:2013:635, punt 42, u tat-22 ta' Jannar 2015, Hejduk, C-441/13, EU:C:2015:28, punt 32).

42 Issa, limitazzjoni, permezz ta' kundizzjonijiet addizzjonali, tal-possibbiltà li titressaq talba għal kumpens quddiem waħda mill-qrati msemmija fil-punt 40 ta' din is-sentenza tista' twassal, jekk ikun il-każ, sabiex teskludi, fil-fatt, din il-possibbiltà, minkejja li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 26 ta' din is-sentenza, il-persuna li tħossha leża għandha dejjem ikollha l-possibbiltà li tressaq it-talba tagħha quddiem il-qrati tal-post fejn seħħ id-dannu.

43 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li, billi tqis li jkun twettaq ksur tad-drittijiet tagħha permezz tat-tixrid ta' dikjarazzjonijiet dispreġattivi fil-konfront tagħha fuq l-internet, taġixxi fl-istess ħin għall-finijiet, minn naħa, tar-rettifika tal-informazzjoni u tat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online dwarha, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li rriżulta minn dan it-tqegħid online tista' titlob, quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu dawn id-dikjarazzjonijiet kienu

aċċessibbli, il-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat lilha fl-Istat Membru tal-qorti adita, għalkemm dawn il-qrati ma jkollhomx il-ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tat-talba għal rettifika u għal tneħħija.

**Fuq l-ispejjeż**

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li, billi tqis li jkun twettaq ksur tad-drittijiet tagħha permezz tat-tixrid ta' dikjarazzjonijiet dispreġattivi fil-konfront tagħha fuq l-internet, taġixxi fl-istess ħin għall-finijiet, minn naħa, tar-rettifika tal-informazzjoni u tat-tneħħija tal-kontenut imqiegħed online dwarha, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li rriżulta minn dan it-tqegħid online tista' titlob, quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu dawn id-dikjarazzjonijiet kienu aċċessibbli, il-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat lilha fl-Istat Membru tal-qorti adita, għalkemm dawn il-qrati ma jkollhomx il-ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tat-talba għal rettifika u għal tneħħija.**

Firem